



Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

13 ta' Settembru 2016*

“Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt ta' provvista tal-elettriku CNT(2009) Nru 137 — Ħlas mill-Parlament tal-kontribuzzjoni reġjonali mħallsa mir-rikorrenti lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-Parlament — Assenza ta' obbligu kuntrattwali — Assenza ta' obbligu li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazżjonali applikabbli”

Fil-Kawża T-384/15,

EDF Luminus, stabbilita fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn D. Verhoeven u O. Vanden Berghe, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn L. Darie u P. Biström, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Clotuche-Duvieusart u I. Martínez del Peral, bħala aġenti,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba skont l-Artikolu 272 TFUE intiża li tikkundanna lill-Parlament iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 439672.95, flimkien mal-interessi, li tikkorrispondi għall-ammont tal-kontribuzzjoni reġjonali mħallsa minnha lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-Parlament,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn M. E. Martins Ribeiro, President, S. Gervasoni (Relatur) u L. Madise, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Digriet

Il-kuntest ġuridiku

Fuq id-dritt tal-Unjoni

- 1 Skont l-Artikoli 343 TFUE u 191 EA, l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jgawdu fit-territorju tal-Istati Membri privileġġi u immunitajiet neċessarji għat-twettiq tal-funzjoni tagħhom taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti fil-Protokoll, tat-8 ta' April 1965, dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness inizjalment mat-Trattat li jstabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 1967, 152, p. 13), u sussegwentement, skont it-Trattat ta' Lisbona, mat-Trattati UE, FUE u KEEA (iktar 'il quddiem il-"Protokoll").
- 2 L-Artikolu 3 tal-Protokoll jipprovdi kif ġej:

"L-Unjoni, l-assi, id-dħul finanzjarju u proprjetà oħra tagħha ikunu eżenti minn kull taxxa diretta.

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom, kull meta possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jirrinunzjaw għal jew iħallsu lura l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xirjiet sostanzjali li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta. Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw, madankollu, b'mod li jkollhom l-effett li jfixklu l-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni.

L-ebda eżenzjoni m'għandha tingħata għar-rigward ta' taxxi u ammonti dovuti li jkunu biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika."

Fuq id-dritt Belġjan

- 3 Id-digriet tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (il-Belġju), tad-19 ta' Lulju 2001, dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (*Moniteur belge* tas-17 ta' Novembru 2001, p. 39135, iktar 'il quddiem "id-digriet dwar l-elettriku"), jipprevedi fl-Artikolu 26 tiegħu:

"§ 1 Il-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' provvista maħruġa abbażi tal-Artikolu 21 tagħti lok għal imposta mensili li għandha titħallas mill-persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika mill-awtorizzazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

§ 3 L-imposta hija kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-klijenti finali eliġibbli, permezz ta' networks, konnessjonijiet u linji diretti ta' 70 kV u inqas, f'siti ta' konsum li jinsabu fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. Għall-klijenti ta' vultaġġ għoli, l-elettriku għad-dispożizzjoni huwa l-elettriku ta' konnessjoni. Dan huwa daqs l-elettriku massimu, espress f'kVa, li jitqiegħed għad-dispożizzjoni skont il-kuntratt ta' konnessjoni. Fin-nuqqas ta' riferiment fil-kuntratt ta' konnessjoni jew fil-każ ta' eċċess tal-elettriku użat meta mqabbel mal-elettriku massimu li jitqiegħed għad-dispożizzjoni skont il-kuntratt ta' konnessjoni, l-elettriku ta' konnessjoni huwa ugwali għall-elettriku massimu, espress f'kVa, użat matul is-sitta u tletin xahar preċedenti, immultiplikati bi 1.2.

[...]

§ 4 L-imposta mensili hija stabbilita għal EUR 0.67 għal kull kVa għall-vultaġġ għoli.

[...]

Dan l-ammont huwa aġġustat kull sena skont l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum tar-Renju.

§ 5 Il-gvern għandu jiddetermina l-miżuri ta' implementazzjoni ta' dan l-artikolu. Huwa jista' b'mod partikolari jeżiġi li l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni, l-operatur tas-sistema ta' trasport reġjonali u l-utenti ta' linji diretti jipprovdu l-informazzjoni utli għall-ġbir tal-imposta.

Il-gvern jista' jinkariga lill-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni jindirizza ittra lill-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa sabiex iħallsu l-imposta. Din l-ittra għandha tinkludi b'mod partikolari l-indikazzjoni tas-sena finanzjarja, il-bażi ta' kalkolu, ir-rata, l-iskadenza tal-pagament u l-mod ta' ħlas tal-imposta. It-trażmissjoni, jew le, ta' din l-ittra ma tippreġudika b'ebda mod id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

§ 6 L-imposta tinġabar u ssir eżiġibbli skont ir-regoli previsti fil-Kapitolu VI tad-digriet tat-23 ta' Lulju 1992 dwar it-taxxa reġjonali dovuta mill-okkupanti ta' bini mmobbli u mill-proprjetarji ta' ċerta proprjetà mmobbli *in rem*. It-terminu għall-ħlas tal-imposta huwa madankollu stabbilit konformement mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu.

[...]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 4 Il-Parlament Ewropew iffirma fl-10 ta' Lulju 2009 kuntratt bir-referenza CNT(2009) Nru 137 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt"), li jikkonċerna l-provvista, mir-rikorrenti, EDF Luminus, ta' elettriku aħdar għall-bini tiegħu fir-reġjun ta' Brussell. Il-kuntratt kellu jieħu effett mid-data tal-provvista effettiva tal-elettriku mir-rikorrenti u kellu jibqa' fis-seħħ matul perijodu ta' sentejn. Il-kuntratt iġġedded għal perijodu ta' sena, jiġifieri sal-31 ta' Lulju 2012, permezz ta' ftehim addizzjonali ffirmat fil-15 ta' Lulju 2011.
- 5 B'ittra tat-13 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti nnotifikat lill-Parlament li kien sar obbligu tagħha li tiffatturah l-imposta relatata mal-provvista tal-elettriku prevista fl-Artikolu 26 tad-digriet dwar l-elettriku (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni") u li, barra minn hekk, hija kienet qiegħda titlob ukoll il-ħlas retroattiv ta' din l-imposta b'effett minn meta l-kuntratt daħal fis-seħħ. Din il-kontribuzzjoni, li tħallset lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali mir-rikorrenti mill-2009, kienet għadha ma ġietx iffatturata minn din tal-aħħar lill-Parlament.
- 6 Wara li l-Parlament irrifjuta li jissodisfa din it-talba, ir-rikorrenti ttrażmettitlu sistematikament żewġ tipi ta' fatturi, dawk li kienu jirreferu biss għall-kontribuzzjoni, u dawk li kienu jikkonċernaw l-aspetti inkontestabbli tal-provvista tal-elettriku. Il-Parlament ħallas it-tieni tip ta' fatturi, iżda rrifjuta li jħallas il-fatturi tal-ewwel tip.
- 7 Wara talba ġdida għall-ħlas tal-kontribuzzjoni u wara rifjut mill-ġdid li tiġi ssodisfatta din it-talba, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.
- 8 Ir-rikorrenti ressqet ukoll azzjoni quddiem it-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (qorti tal-ewwel istanza frankofona ta' Brussell) bl-għan li tikseb ir-rimbors mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali tal-ammont tal-kontribuzzjoni li hija kienet ħallsitu.
- 9 Barra minn hekk, fl-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju tal-Belġju skont l-Artikolu 258 TFUE. B'sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi ma eżentax lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni mill-kontribuzzjoni stabbilita fl-Artikolu 26 tad-digriet dwar l-elettriku u billi rrifjuta r-rimbors tal-kontribuzzjoni li kienet irċevuta mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura

- 10 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tikkundanna lill-Parlament iħallasha s-somma ta' EUR 439672.95;
 - tikkundanna lill-Parlament iħallasha l-interessi kuntrattwali fuq din is-somma, b'effett mill-eżiġibbiltà tal-fatturi;
 - tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.
- 11 Il-Parlament jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiddikjara li r-rikors ma għadx għandu skop wara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4) ;
 - sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala manifestament infondat;
 - tiddeċiedi li huwa r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali li għandu jirrimborsa s-somma mitluba;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 12 Ir-rikorrenti tippreċiżza li hija tippreżenta r-rikors tagħha "sa fejn [hija] ma tistax tikseb ir-rimbors [tal-kontribuzzjoni] li għandu jingħata mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali fi proċedura mressqa quddiem it-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (qorti tal-ewwel istanza frankofona ta' Brussell)".
- 13 Il-Kummissjoni talbet li tintervjeni insostenn tal-Parlament. B'deċiżjoni tal-President tar-Raba'Awla tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Frar 2008, hija ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża preżenti insostenn tat-talbiet tal-Parlament.
- 14 Il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali ddeċieda, konformement mal-Artikolu 69(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jissospendi l-kawża sakemm tingħata deċiżjoni finali fil-Kawża C-163/14, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju. Il-proċedura ssoktat fl-14 ta' Jannar 2016 meta ngħatat is-sentenza f'din il-kawża.
- 15 Il-Parlament ippreżenta r-risposta tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Marzu 2016. F'din ir-risposta, huwa invoka b'mod partikolari s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4).
- 16 Permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali stiednet lir-rikorrenti u lill-Kummissjoni jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza fil-kawża preżenti. Dawn ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu stabbilit.

Id-dritt

- 17 Skont l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura, meta jkun manifest li l-Qorti Ġenerali ma għandhiex kompetenza sabiex tiegħu konjizzjoni ta' rikors jew meta rikors ikun manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt, il-Qorti Ġenerali tista', f'kull ħin u fuq proposta tal-Imħallef Relatur, tiddeċiedi li taqta' l-kawża permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.
- 18 F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tqis li mill-atti tal-proċess hija għandha informazzjoni biżżejjed u tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr ma tkompli l-proċedura.

- 19 Qabelxejn, għandhom jiġu eżaminati t-talbiet tal-Parlament intiżi sabiex il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni.

Fuq it-talba għal ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni

- 20 Il-Parlament, billi jibbaża ruħu fuq is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4), jitlob li jiġi kkonstatat li ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni. Huwa jsostni li l-kontribuzzjonijiet indebitament irċevuti mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali għandhom neċessarjament, skont din is-sentenza, jiġu rrimborsati lir-rikorrenti, b'mod li ma jkunx hemm iktar lok għal din tal-aħħar li titlob mingħand il-Parlament il-ħlas tas-somom li jikkorrispondu għal dawn il-kontribuzzjonijiet.
- 21 Għandu jitfakkar hawnhekk li, fil-kuntest ta' din il-kawża, ippreżentata abbażi ta' kuntratt bejn il-Parlament u r-rikorrenti, din tal-aħħar titlob lill-Parlament jiġi kkundannat iħallasha, minn naħa, somma li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni li hija ħallset lir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u li għet ikkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tal-Parlament skont il-kuntratt u, min-naħa l-oħra, l-interessi kuntrattwali applikati għal din is-somma.
- 22 Anki jekk jitqies li r-rimbors lir-rikorrenti mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, li la hija parti f'din il-kawża u lanqas parti kontraenti tal-kuntratt, tas-somom mitluba mir-rikorrenti jista' jippermetti li jiġi konkluż li ma hemmx iktar interess ġuridiku min-naħa tagħha fil-kuntest tal-kawża preżenti, għandu jiġi kkonstatat, fi kwalunkwe każ, li l-Parlament u l-Kummissjoni ma jistabbilixxux, u lanqas jallegaw, li r-rimbors tas-somom mitluba, inklużi l-interessi kuntrattwali, kien twettaq jew li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tar- Reġjun ta' Brussell-Kapitali. Tali pretensjoni tista', pereżempju, tirriżulta minn sentenza tat-Tribunal de première instance francophone de Bruxelles (qorti tal-ewwel istanza frankofona ta' Brussell) dwar l-azzjoni ppreżentata mir-rikorrenti quddiemha (ara l-punt 9 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet ippreżentati fl-10 ta' Mejju 2016 bħala risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura msemmija fil-punt 17 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ssostni li, sa dakinhar, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali kien "irrifjuta li jirrimborsaha l-kontribuzzjonijiet kontenzjużi mħallsa, minkejja l-għoti tas-sentenza C-163/14".
- 23 Għall-finijiet ta' komplettezza, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, permezz tas-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4), li, billi ma eżentax lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni mill-kontribuzzjoni stabbilita mill-Artikolu 26 tad-digriet dwar l-elettriku u billi rrifjuta r-rimbors tal-kontribuzzjonijiet li kienu għalhekk irċevui mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, id-digriet dwar l-elettriku jibqa' fis-seħħ, bil-formulazzjoni li ssemmiet iktar 'il fuq, sakemm ir-Renju tal-Belġju jeżegwixxi s-sentenza. Madankollu, il-Parlament ma pproduċa ebda prova li tippermetti li jiġi konkluż li d-dritt applikabbli kien jiġi emendat sa dakinhar.
- 24 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li dan ir-rikors għad għandu skop, sa fejn għad hemm l-interess ġuridiku tar-rikorrenti, b'mod li għandha tiġi miċħuda t-talba tal-Parlament li ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni.

Fuq il-fondatezza tar-rikors

- 25 Insostenn tat-talbiet tagħha, ippreżentati abbażi tal-Artikolu 272 TFUE, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi, ibbażati, l-ewwel nett, fuq il-ksur mill-Parlament tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, it-tieni nett, fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tad-digriet dwar l-elettriku u, fl-aħħar u t-tielet nett, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Fuq l-ewwel motiv

- 26 Ir-rikorrenti ssostni li l-kuntratt jippermettilha teżiġi mingħand il-Parlament il-ħlas tal-kontribuzzjoni.
- 27 Għandu qabelxejn jiġi rrilevat li l-kuntratt ma jipprevedix li l-kontribuzzjoni tiġi ffatturata lill-Parlament. B'mod partikolari, ma hemm ebda riferiment għall-kontribuzzjoni fl-Anness 2 tal-kuntratt li jsemmi l-modalitajiet tal-kalkolu tal-prezz tal-provvista tal-elettriku.
- 28 Barra minn hekk, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-punt 3.2 tal-kuntratt, li jinsab fl-Artikolu 3, “[i]l-prezzijiet huma stabbiliti billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-istituzzjonijiet Ewropej huma eżenti mid-dazju doganali, mit-taxxi indiretti u mit-taxxa fuq il-bejgħ, b'mod partikolari mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)”.
- 29 Fl-istess punt 3.2 tal-kuntratt, huwa speċifikat li “it-taxxi, l-imposti u kontribuzzjonijiet reġjonali u federali oħra ma jistgħux jiġu ffatturati”.
- 30 Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-kuntratt ma jipprevedi ebda obbligu li jimponi lill-Parlament iħallas lir-rikorrenti l-kontribuzzjoni li ġiet ikkalkolata abbażi tal-elettriku għad-disponibbiltà tiegħu skont il-kuntratt.
- 31 Għandu jingħad ukoll li, skont l-Artikolu 19 tal-kuntratt, dan tal-aħħar huwa “irregolat mil-liġijiet Belġjani u applikat u interpretat konformement ma' dawn il-liġijiet fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni], inkluż ir-regolament finanzjarju, ma tirregolax il-kwistjoni”. Konsegwentement, it-termini tal-kuntratt għandhom qabelxejn jiġu interpretati fid-dawl tal-Unjoni.
- 32 Fis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kontribuzzjoni kellha titqies li hija taxxa indiretta li taqa' taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.
- 33 Għalhekk, ir-riferiment fil-kuntratt u, b'mod partikolari, fil-punt 3.2 tiegħu, għat-“taxxi indiretti”, għandu jinftiehem fis-sens li jkopri l-kontribuzzjoni. Dan jikkonferma li l-partijiet fil-kuntratt kellhom l-intenzjoni jeżoneraw lill-Parlament mill-ħlas tagħha.
- 34 Għandu jingħad ukoll li l-ftehim addizzjonali, konkluż fil-15 ta' Lulju 2011, b'ebda mod ma jaffettwa l-obbligi tal-partijiet fir-rigward tal-ħlas tal-kontribuzzjoni.
- 35 Il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 34 iktar 'il fuq ma tistax tiġi kkonfutata mill-argumenti l-oħra invokati mir-rikorrenti.
- 36 Fl-ewwel lok, il-fatt li l-punt 8.1 tal-kuntratt, li jinsab fl-Artikolu 8 intitolat “Dispożizzjonijiet fiskali”, jipprovdi li l-“parti kontraenti biss hija responsabbli mill-osservanza tad-dispożizzjonijiet fiskali li huma applikabbli fil-konfront tagħha”, ma jippermettix li jiġi konkluż li hemm obbligu li l-Parlament iħallas il-kontribuzzjoni lill-parti kontraenti tiegħu, jiġifieri r-rikorrenti.
- 37 Fit-tieni lok, ir-riferiment, fil-paragrafu 2 tal-Anness 2 tal-kuntratt, għal żieda fil-prezzijiet relatata mad-“distribuzzjoni”, ma jippermettix, fid-dawl tal-istruttura ġenerali tal-kuntratt u, b'mod partikolari, tal-ispeċifikazzjonijiet tal-punt 3.2 iċċitati iktar 'il fuq, li jiġi konkluż li hemm hemm obbligu li l-Parlament iħallas il-kontribuzzjoni lill-parti kontraenti tiegħu, jiġifieri r-rikorrenti.
- 38 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat.

Fuq it-tieni motiv

- 39 Ir-rikorrenti ssostni li l-Parlament għandu jħallasha l-kontribuzzjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tad-digriet dwar l-elettriku.
- 40 Għandu jiġi kkonstatat li, filwaqt li d-digriet dwar l-elettriku jiddetermina l-obbligi fiskali tal-fornituri tal-elettriku fir-rigward ta' amministrazzjoni nazzjonali, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, dan ma jipprevdix li l-konsumatur finali huwa obligat iħallas il-kontribuzzjoni lill-fornitur tal-elettriku tiegħu. Għalhekk, ir-rikorrenti ma hijiex fondata meta tinvoka ksur mill-Parlament ta' tali obbligu.
- 41 Għandu jiġi rrilevat li din il-konstatazzjoni ma tikkontradixxi il-konklużjoni li s-sistema fiskali relatata mal-kontribuzzjoni hija maħsuba u stabbilita bil-għan li l-kontribuzzjoni tiġi trażmessa lill-konsumatur finali (sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4, punt 48). Fil-fatt, hemm lok li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-għanijiet ta' sistema fiskali u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' obbligu vinkolanti li jirriżulta minn din is-sistema li l-inosservanza tiegħu tista' twassal għar-responsabbiltà kuntrattwali, u saħansitra mhux kuntrattwali, tal-konsumatur finali fir-rigward tal-fornitur tal-elettriku tiegħu. Fin-nuqqas ta' tali obbligu vinkolanti, ir-riperkussjoni tal-kontribuzzjoni fuq il-konsumatur finali tiddependi biss fuq ir-relazzjonijiet kuntrattwali miftiehma bejn il-fornitur u l-konsumatur finali.
- 42 Anki jekk jitqies li d-digriet dwar l-elettriku jista' jiġi interpretat fis-sens li jimponi lill-konsumatur finali jħallas lill-fornitur tal-elettriku tiegħu l-kontribuzzjoni kkalkolata abbażi tal-elettriku għad-dispożizzjoni tiegħu, il-motiv għandu fi kwalunkwe każ jiġi miċħud.
- 43 Effettivament, il-fatt li d-digriet dwar l-elettriku ma jipprevedix l-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni favur l-istituzzjonijiet tal-Unjoni wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja, bis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4) tiddikjara li r-Renju tal-Belġju kien naqas mill-obbligi tiegħu taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.
- 44 Abbażi tal-Artikolu 19 tal-kuntratt, hija l-Qorti Ġenerali, bħala l-qorti kompetenti abbażi tal-kuntratt, li għandha tapplika d-dritt nazzjonali kif kieku tapplikah il-qorti nazzjonali.
- 45 Konsegwentement, l-awtorità ta' *res judicata* tas-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2016:4), timponi lill-Qorti Ġenerali ma tapplikax id-digriet dwar l-elettriku sabiex tobbliga istituzzjoni tal-Unjoni tħallas il-kontribuzzjoni (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 1972, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 48/71, EU:C:1972:65, punt 7).
- 46 Anki jekk jitqies li, permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti kellha l-intenzjoni tinvoka r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Parlament, tali argument ma jistax jiġi invokat b'suċċess fil-kuntest ta' rikors ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-motiv għandu jiġi miċħud sa fejn huwa invokat għal dan il-għan.
- 47 Barra minn hekk, il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 41 iktar 'il fuq ma tistax tiġi kkonfutata bil-fatt li r-rikorrenti tkun marbuta tħallas il-kontribuzzjoni. Fil-fatt, tali ċirkustanza hija irrilevanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-digriet dwar l-elettriku.
- 48 F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat li hija r-rikorrenti, jekk tqis li huwa xieraq, li għandha titlob lill-qorti nazzjonali li quddiemha tkun ressqet il-kawża tiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' jekk l-eżenzjoni li r-Renju tal-Belġju huwa obligat japplika fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni teżiġix li l-fornituri tal-elettriku jkunu huma stess eżentati minn din il-kontribuzzjoni meta l-klijent tagħhom ikun istituzzjoni tal-Unjoni.

- 49 Fl-aħħar nett, il-konklużjoni esposta fil-punt 41 iktar 'il fuq ma tistax tiġi kkonfutata mill-fatt li l-Parlament u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jkunu qablu li jħallsu l-kontribuzzjoni lil fornituri tal-elettriku oħra. Fil-fatt, tali ċirkustanza, li ser tiġi eżaminata mill-ġdid fil-kuntest tat-tielet motiv, hija irrilevanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-digriet dwar l-elettriku.
- 50 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat.
- Fuq it-tielet motiv
- 51 Ir-rikorrenti ssostni li l-Parlament żbalja meta rrifjuta li jħallasha l-kontribuzzjoni minkejja li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ħallsu l-kontribuzzjoni lil Electrabel, fornitur tal-elettriku ieħor. Billi aġixxa b'dan il-mod, il-Parlament kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 52 Għandu jiġi osservat li, fil-każ ineżami, dan il-motiv, li ma huwiex ibbażat fuq ksur mill-Parlament tal-obbligi kuntrattwali tiegħu jew tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, ma jistax jiġi invokat b'suċċess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2016, *Hydrex vs Il-Kummissjoni*, T-45/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:151, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 53 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jew ta' ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt, jipprojbixxi li sitwazzjonijiet paragonabbli jiġu ttrattati b'mod differenti jew li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1986, *Christ Clemen et vs Il-Kummissjoni*, 91/85, EU:C:1986:373, punt 19; ara wkoll is-sentenza tat-8 ta' Jannar 2003, *Hirsch et vs Il-BĊE*, T-94/01, T-152/01 u T-286/01, EU:T:2003:3, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 Għaldaqstant, fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti għandha tipprovdi, b'mod partikolari, l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-eżistenza ta' sitwazzjonijiet paragonabbli bejnhom u Electrabel.
- 55 F'dan ir-rigward, mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-163/14, EU:C:2015:441, punti 19 u 24) jirriżulta li l-kuntratt konkluż ma' Electrabel kien jipprovdi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kellhom iħallsu l-kontribuzzjoni. Ir-rikorrenti, li tikkontesta wkoll fir-rikors tagħha ċerti punti ta' dawn il-konklużjonijiet, ma tipproduċi ebda prova li tista' tikkomprometti dan il-fatt.
- 56 Kif intqal iktar 'il fuq (ara l-punt 31 iktar 'il fuq), il-kuntratt konkluż bejn ir-rikorrenti u l-Parlament ma jipprevedix li dan tal-aħħar iħallas il-kontribuzzjoni.
- 57 Għaldaqstant, ir-rikorrenti u Electrabel ma kinux jinsabu f'sitwazzjonijiet paragonabbli, peress li l-kuntratt li kienet iffirmit ir-rikorrenti ma kienx jipprovdi li l-Parlament kellu jħallas il-kontribuzzjoni.
- 58 F'dan ir-rigward, il-fatt li r-rikorrenti talbet lill-Parlament iħallas il-kontribuzzjoni huwa irrilevanti.
- 59 Għall-finijiet ta' completezza, għandu jitfakkar li l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha tkun konsistenti mal-osservanza tal-prinċipju ta' legalità li jipprovdi li ħadd ma jista' jinwoka, għall-vantaġġ tiegħu, illegalità mwettqa favur terz (sentenza tal-4 ta' Lulju 1985, *Williams vs Il-Qorti tal-Awdituri*, 134/84, EU:C:1985:297, punt 14). Peress li r-rekwiżit ta' ħlas tal-kontribuzzjoni impost fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jmur kontra d-dritt tal-Unjoni, kif jirriżulta mis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* (163/14, EU:C:2016:4), dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

60 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat. Konsegwentement, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-talbiet ippreżentati mill-Parlament għall-finijiet ta' azzjoni dikjaratorja

61 Il-Parlament isostni li l-Qorti Ġenerali għandha tikkonstata li “huwa r-Reġjun ta Brussell-Kapitali [li għandu] jirrimborsa lir-rikorrenti s-somma mitluba”.

62 Skont ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 256(1) TFUE u l-Artikolu 272 TFUE, li tiddeċiedi dwar rikors ippreżentat abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ timplika neċessarjament li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar kontrotalba ppreżentata fil-kuntest ta' dan l-istess rikors li tirriżulta mir-rabta kuntrattwali jew mis-sitwazzjoni li fuqha hija bbażata t-talba prinċipali jew li għandha relazzjoni diretta mal-obbligi li jirriżultaw minn din ir-rabta kuntrattwali (ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, Isotis vs Il-Kummissjoni, T-59/11, EU:T:2014:679, punt 265 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Madankollu, fil-każ ineżami, it-talba ppreżentata mill-Parlament ma għandhiex rabta mal-kuntratt, peress li ma tikkonċernax l-obbligi reċiproċi bejn il-partijiet kontraenti li jirriżultaw mill-kuntratt, iżda tikkonċerna l-obbligi possibbli li r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, li la huwa parti kontraenti u lanqas parti fil-kawża, jkollu fir-rigward tar-rikorrenti.

64 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni, abbażi tar-rikors preżenti ppreżentat fuq il-bażi ta' klawżola ta' arbitraġġ, li tiddeċiedi dwar it-talbiet ippreżentati mill-Parlament.

65 Il-konklużjoni preċedenti tkun tapplika, għall-istess raġunijiet, anki jekk jiġi deċiż li, fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, il-klawżola ta' arbitraġġ fl-Artikolu 20 tal-kuntratt, li tipprovdi li “kull tilwima bejn il-Parlament [...] u l-parti kontraenti li tikkonċerna l-kuntratt preżenti, u li ma setgħetx tiġi riżolta bi ftehim bonarju, għandha tiġi sottomessa lill-Qorti [Ġenerali tal-Unjoni Ewropea], skont l-Artikolu 255(1) tat-Trattat KE”, setgħet tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-Qorti Ġenerali jew lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiddeċiedu dwar azzjoni dikjaratorja li tikkonċerna tilwima bejn il-Parlament u r-rikorrenti dwar il-validità, l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-kuntratt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Planet vs Il-Kummissjoni, C-564/13 P, EU:C:2015:124, punt 26).

66 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt u li t-talbiet ippreżentati mill-Parlament għall-finijiet ta' azzjoni dikjaratorja għandhom jiġu miċħuda wkoll, peress li huwa manifest li l-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni f'dan is-sens, mingħajr ma huwa neċessarju li tissokta l-proċedura.

Fuq l-ispejjeż

67 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li ttitlef għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntablu.

68 Fil-każ ineżami, peress li r-rikorrenti essenzjalment tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Parlament.

69 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-istituzzjonijiet li jkunu intervjenew fil-kawża għandhom ibatuhom l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

70 Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

tordna:

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) It-talbiet ippreżentati mill-Parlament Ewropew għall-finijiet ta' azzjoni dikjaratorja huma miċħuda.**
- 3) EDF Luminus għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Parlament.**
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Settembru 2016.

E. Coulon
Reġistratur

M. E. Martins Ribeiro
Il-President